Nru. 18,341
Prezz/Price
€2.61

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 14 ta' Novembru, 2008
Friday, 14th November, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 978

BORD GĦALL-PROTEZZJONI MIR-RADJAZZJONI

NGĦARRFU b'din illi, bis-saħħa tal-Artikolu 10 tal-Avviż Legali 44 tal-2003 (Regolamenti tal-2003 dwar is-Sigurtà Nukleari u l-Protezzjoni mir-Radjazzjoni), il-Prim Ministru approva l-ħatra tal-Bord għall-Protezzjoni mir-Radjazzjoni għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mit-28 ta' Jannar, 2008, kif muri hawn taħt:-

Chairperson Eżekuttiv
Mr Paul Brejza, B.Sc., CRadP, MSRP

Membri
Mr John Attard Kingswell, M.Sc.Env.Hlth. (Edin)
Ms Nadine Axisa, B.Sc. (Hons.)
Mr Joseph Cremona
Ing. Albert Tabone

L-14 ta' Novembru, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 978

RADIATION PROTECTION BOARD

IT is hereby notified that, in excercise of his powers conferred by article 10 of Legal Notice 44 of 2003 (Nuclear Safety and Radiation Protection Regulations, 2003), the Prime Minister has approved the appointment of the Radiation Protection Board for a period of three years with effect from the 28th January 2008, as indicated hereunder:-

Executive Chairperson
Mr Paul Brejza, B.Sc., CRadP, MSRP

Members
Mr John Attard Kingswell, M.Sc.Env.Hlth. (Edin)
Ms Nadine Axisa, B.Sc. (Hons.)
Mr Joseph Cremona
Ing. Albert Tabone

14th November, 2008

Nru. 979

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (SERVIZZI KORRETTIVI)

IL-PRIM Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Abraham Zammit	Direttur *Director*	Servizzi Korrettivi *Correctional Services*	From 26.8.2008

L-14 ta' Novembru, 2008

No. 979

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (CORRECTIONAL SERVICES)

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:–

14th November, 2008

Nru. 980

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Joseph Vella	A/Direttur Ġenerali A/*Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	11-13.11.2008

L-14 ta' Novembru, 2008

No. 980

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Infrastructure, Transport and Communications has approved the following acting appointment:–

14th November, 2008

Nru. 981

'WARRANT' MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Ministeru tal-Affarijiet Barranin
Is-Sur Victor Grech
Ms Anne Marie Sciberras
Ms Ruth Mary Farrugia
Ms Maria Depasquale

Pulizija
Ms Phyllis Zammit WPC 277
Ms Roberta Garzia WPC 290
Ms Terri Dimech WPC 286
Ms Beverly Farrugia WPC 312

B'Awtorità

CARMELO MIFSUD BONNICI
Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern

L-14 ta' Novembru, 2008
(MJHA/144/2003/VI)

No. 981

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Ministry of Foreign Affairs
Mr Victor Grech
Ms Anne Marie Sciberras
Ms Ruth Mary Farrugia
Ms Maria Depasquale

Police
Ms Phyllis Zammit WPC 277
Ms Roberta Garzia WPC 290
Ms Terri Dimech WPC 286
Ms Beverly Farrugia WPC 312

By Authority

CARMELO MIFSUD BONNICI
Minister for Justice and Home Affairs

14th November, 2008

Nru. 982

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:-*

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
271	5, Triq San Duminku Sliema	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	25/08/2008
272	37, Triq Ġużè Howard Sliema	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	28/08/2008

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur tal-Artijiet

L-14 ta' Novembru, 2008

No. 982

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
271	5, Triq San Duminku Sliema	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	25/08/2008
272	37, Triq Ġużè Howard Sliema	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	28/08/2008

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

14th November, 2008

Nru. 983

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat

SKOND ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali Nru. 114 ta' 2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent. Id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li jeżenta l-applikant milli jħejji Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet inkonsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali limitat mhux se jżid informazzjoni ġdida u li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skond Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta għandha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

No. 983

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice No. 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees to exempt the applicant from preparing an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Applikazzjoni Nru. PA 4995/07
Post: Barriera Numru 38, Triq it-Torri Vincenti, Mqabba
Proposta: Tqegħid ta' ħamrija għall-użu agrikolu.

L-impatti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomess lill-Awtorità fit-28 ta' Lulju, 2008 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Studju dwar l-Impatt Ambjentali limitat sottomessa fit-22 ta' Settembru, 2008.

Application Number: PA 4995/07
Location: Quarry No. 38, Triq it-Torri Vincenti, Mqabba
Proposal: Deposit of soil for agricultural use.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 28th July, 2008 and the justification for exemption of the proposal from carrying out a limited Environmental Impact Assesment (EIA) submitted on 22nd September, 2008

Impatti potenzjali *Potential Impact*	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** *Remarks on mitigation measures, etc.*
Trab	It-tqegħid tal-ħamrija ssir minn April sa Ġunju u minn Settembru sa Diċembru, sabiex jiġu evitati x-xhur tas-sajf. Ġranet bix-xita u r-riħ ikunu evitati wkoll sabiex jitnaqqas it-trab u t-tajn.
Dust	*Deposition of soil will be carried out during the months of April to June and September to December, avoiding the driest of months and excluding rainy and windy days, therefore minimizing dust.*
Ħsejjes	Se jittieħdu miżuri biex jittaffew il-ħsejjes skond kif imsemmi fir-Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Immaniġġjar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni.
Noise	*Noise abatement measures in accordance with the Construction Site Management Regulations, 2007 shall further minimize the impact.*

Minkejja dan imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

L-14 ta' Novembru, 2008

14th November, 2008

Nru. 984

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att kif ġej:–

No. 984

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
14. 11. 08	€18.962	€0.275

L-14 ta' Novembru, 2008

14th November, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 117

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żurrieq

Nhar it-Tlieta, il-25 ta' Novembru 2008 mill-5.30 p.m. sal-11.00 p.m. minn Triq il-Kbira sa Pjazza r-Repubblika.

Vetturi li jinsabu pparkjati huma suġġetti li jiġu rmunkati.

Bormla

Nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Diċembru 2008 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Pelegrinaġġ, il-Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, l-inħawi tal-Knisja ta' San Pawl, P.P. Caruana, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt u Pjazza Pawlino Vassallo.

Nhar is-Sibt, is-6 ta' Diċembru 2008 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Paolino Vassallo, il-Pelegrinaġġ, Hanover, Rikardu Taylor, Santa Margerita, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju, Santu Rokku u John Pace.

Nhar il-Ħadd, is-7 ta' Diċembru 2008 mill-4.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Bieb Santa Liena, il-Pelegrinaġġ, Pjazza 25 ta' Ġunju 1905 u Pjazza Paolino Vassallo.

Nhar it-Tnejn, it-8 ta' Diċembru 2008 mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġwann t'Għuxa, San Ġwann, San Franġisk, Wiġi Rosato, Bieb ta' Santa Liena, l-Inkurunazzjoni, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt, Pjazza Paolino Vassallo, il-Pelegrinaġġ sal-Knisja tal-Kunċizzjoni.

Nhar it-Tnejn, it-8 ta' Diċembru 2008 mis-2.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Hanover, il-Pelegrinaġġ, l-Oratorju, San Ġorġ, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża, Pjazza Santa Margerita, Pjazza Paolino Vassallo, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt ta' Bormla sa Pjazza Paolino Vassallo, ħdejn il-Parroċċa, Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, l-inħawi tal-Knisja ta' San Pawl u P.P. Caruana.

Vetturi li jinsabu pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-14 ta' Novembru, 2008

POLICE NOTICE

No. 117

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Żurrieq

On Tuesday, 25th November 2008 from 5.30 p.m. to 11.00 p.m. through Triq il-Kbira to Pjazza r-Repubblika.

Vehicles found parked there will be subject to be towed.

Cospicua

On Friday, 5th December 2008 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: il-Pelegrinaġġ, il-Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, St Paul's Church area, P.P. Caruana, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt and Pjazza Pawlino Vassallo.

On Saturday, 6th December 2008 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Paolino Vassallo, il-Pelegrinaġġ, Hanover, Rikardu Taylor, Santa Margerita, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju, Santu Rokku and John Pace.

On Sunday, 7th December 2008 from 4.00 p.m. onwards through the following streets: Bieb Santa Liena, il-Pelegrinaġġ, Pjazza 25 ta' Ġunju 1905 and Pjazza Paolino Vassallo.

On Monday, 8th December 2008 from 9.00 a.m. to 5.00 p.m. through the following streets: San Ġwann t'Għuxa, San Ġwann, San Franġisk, Wiġi Rosato, Bieb ta' Santa Liena, l-Inkurunazzjoni, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt, Pjazza Paolino Vassallo, il-Pelegrinaġġ up to Conception Church.

On Monday, 8th December 2008 from 2.00 p.m. onwards through the following streets: Hanover, il-Pelegrinaġġ, l-Oratorju, San Ġorġ, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża, Pjazza Santa Margerita, Pjazza Paolino Vassallo, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt ta' Bormla to Pjazza Paolino Vassallo, next to Parish, Polverista, l-Immakulata, l-Inkurunazzjoni, St Paul's Church area and P.P. Caruana.

Vehicles found parked at the above mentioned streets are subject to be towed.

14th November, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjonijiet ta' *EU Fund Manager* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta

Din is-sejħa tieħu post dik ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Novembru 2008

**Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil*

Il-Kumissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *EU Fund Manager* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *EU Fund Managers* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *EU Fund Manager* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha terminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm l-*assignment*. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impjieg tagħha mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi terminat l-*assignment*.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment*, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *EU Fund Manager* u tkun trasferita għad-doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-*assignment* stipulat.

3. Persuna fil-pożizzjoni ta' *EU Fund Manager* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jkollha salarju ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 7 (bħalissa €20,296 fis-sena). Persuna f'din il-pożizzjoni tkun intitolata għal *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju tagħha jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti. Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93) (fejn applikabbli), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*, f'każ li tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4.1. Persuna fil-ħatra ta' *EU Fund Manager* tista' tiġi assenjata lil xi *Line Ministry* jew wieħed mill-*horizontal*

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Positions of EU Fund Manager in the Malta Public Service

This call for applications supersedes the one published in the Government Gazette of 11th November 2008

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications for the positions of EU Fund Manager in the Malta Public Service.

2.1 The selected candidate will be initially expected to enter into a thirty-six (36) month assignment as EU Fund Managers in the Malta Public Service. Unsatisfactory performance as EU Funds Manager during the assignment period will lead to termination of the assignment.

2.2 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the assignment period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, his/her service with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of assignment.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, and, during the assignment period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of EU Fund Manager and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his stipulated term of assignment.

3. The position of EU Fund Manager in the Malta Public Service attracts a salary equivalent to the maximum of Salary Scale 7 (currently €20,296 per annum), plus up to 10 percent performance bonus. For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93), the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of the substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case he is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

4.1 The EU Fund Manager may be assigned to a Line Ministry or to one of the horizontal stakeholders, including

stakeholders, inklużi l-*PPCD* fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (*Managing Authority*), il-Ministeru tal-Finanzi (*Paying Authority*), id-Dipartiment tal-Kuntratti, it-Teżor, il-*Budget Office* u l-*Internal Audit and Investigations Directorate (IAID)*.

4.2. Id-dmirijiet speċifiċi tal-*EU Fund Manager* ikunu delineati fl-*assignment* skond fejn tiġi assenjata l-persuna nominata. Ir-rwoli differenti huma stabbiliti fil-manwal ta' proċeduri. Id-dmirijiet ewlenin ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *EU Fund Manager* jinkludu li:

Tassumi r-rwol ta' *Line Ministry/horizontal stakeholder* (skond fejn ikun assenjat l-*EU Fund Manager*) skond kif stabbilit fil-manwal ta' proċeduri għall-Fondi;

Tikkoordina proġetti;

Kollaborazzjoni kontinwa mal-*horizontal stakeholders*, primarjament il-*PPCD*, il-Ministeru tal-Finanzi (l-iktar il-*Paying Authority*, id-Dipartiment tal-Kuntratti, it-Teżor, il-*Budget Office* u l-*IAID*) u kwalunkwe *Intermediate Body* fuq affarijiet marbuta mal-Fondi u l-proġetti li jkunu qegħdin jiġu ko-finanzjati, skond fejn ikun assenjat l-*EU Fund Manager*;

Parteċipazzjoni fil-*monitoring/steering committees* kif mitlub mis-Segretarju Permanenti relevanti;

Dmirijiet relatati mal-kumpilazzjoni ta' *data* u xogħol ieħor ta' riċerka;

Tesegwixxi attivitajiet ta' taħriġ dwar l-aspetti differenti tal-Fondi, skond fejn ikun assenjat l-*EU Fund Manager*;

Tattendi laqgħat/konferenzi/taħriġ f'Malta kif ukoll barra;

Taqdi kwalunkwe rwoli anċillarji oħra skond kif identifikat mill-Kap tal-organizzazzjoni fejn tkun.

4.3. Persuna fil-pożizzjoni ta' *EU Fund Manager* tkun meħtieġa li primarjament twettaq dmirijiet relatati ma' progetti li qegħdin jiġu implimentati bħalissa taħt il-Programmi għall-2007 - 2013.

4.4 Aktar dettalji dwar id-dmirijiet stabbiliti għal din il-pożizzjoni jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment (*Resourcing*), *Management and Personnel Office*, Uffiċċju tal-Prim Ministru, fuq l-*email:* resourcing.mpo@gov.mt

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:-

(a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea; jew

the PPCD within the Office of the Prime Minister (Managing Authority), the Ministry of Finance (Paying Authority), the Department of Contracts, Treasury, Budget Office and the Internal Audit and Investigation Directorate (IAID).

4.2. The specific duties of the EU Fund Manager will be outlined in the assignment depending on where the officer is assigned. The different roles are established in the manual of procedures. The main duties of EU Fund Manager include:

Fulfill the role of Line Ministry/horizontal stakeholder (depending where the EU Fund Manager is assigned) as will be established in the manual of procedures for the Funds;

Co-ordination of projects;

Constant liaision with the horizontal stakeholders, primarily PPCD, the Ministry of Finance (primarily the Paying Authority, the Department of Contracts, Treasury and Budget Office and IAID) and any Intermediate Body on issues pertaining to the Funds and the projects being co-financed, depending where the EU Fund Manager is assigned;

Participation in the monitoring/steering committees as requested by the relevant Permanent Secretary;

Perform duties related to the compilation of data and other research work;

Carry out training activities on the different aspects of the Funds, depending where the EU Fund Manager is assigned;

Attend meetings/conferences/training locally and abroad;

Fulfill any other ancillary roles as may be identified by the Head of the organization.

4.3. It should be noted that the EU Fund Manager will primarily be required to carry out duties in connection with projects currently being implemented under the 2007 – 2013 Programmes.

4.4. Further details of the job description of the position may be obtained from the Department (Resourcing), Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister, at: resourcing.mpo@gov.mt

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) ċittadini ta' pajjizi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (F'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin); jew

(iv) Il-konjuġi jew tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra tal-kandidati imsemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom:

(i) jew *post-graduate degree (Masters)*, jew kwalifika oħra xierqa, komparabbli u rikonoxxuta fil-*European Studies, International Studies, Management Studies, Accountancy, Economics, Business Studies, Public Policy, Communications* jew *Legal Studies* jew qasam ieħor relatat, u sena esperjenza ta' xogħol relevanti; jew

(ii) *first degree*, jew kwalifika oħra xierqa, komparabbli u rikonoxxuta fil-*European Studies, International Studies, Management Studies, Accountancy, Economics, Business Studies, Public Policy, Communications* jew *Legal Studies* jew qasam ieħor relatat, u tliet snin esperjenza ta' xogħol relevanti;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà huma fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji);

5.2. Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li jkunu jafu lingwi uffiċjali oħra tal-UE.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) in possession of:

(i) either a post-graduate degree (Masters), or other appropriate, comparable, recognized qualification in European Studies, International Studies, Management Studies, Accountancy, Economics, Business Studies, Public Policy, Communications or Legal Studies or a related area, plus one year relevant work experience; or

(ii) a first degree, or other appropriate, comparable, recognized qualification, in European Studies, International Studies, Management Studies, Accountancy, Economics, Business Studies, Public Policy, Communications or Legal Studies or a related area plus three years relevant work experience;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to candidates who possess knowledge of other EU official languages.

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties

relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment (*Resourcing*) u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għall-intervista minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

7.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tal-Uffiċju tal-Prim Ministru.

7.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

7.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi zmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.1 Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tieħu taħriġ f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

8.2 Il-persuna magħżula li ssiefer biex tagħmel il-korsijiet, tintrabat bil-kundizzjonijiet relevanti skond il-*Public Service Management Code*.

9. Il-persuna magħżula trid tkun lesta li ssiefer ta' spiss fuq xogħol skond il-bżonn.

10. Il-persuna magħżula tkun mistennija taħdem ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

11.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* u jintbagħtu elettronikament huma aċċettabbli.

related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and the approval of the Public Service Commission.

6.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Department of Resourcing and copied to the NCPD.

7.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Office of the Prime Minister.

7.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

7.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

8.1 The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

8.2 The selected applicant proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

9. The selected applicants must be willing to travel frequently abroad.

10. The selected applicant will generally be expected to work on a 40-hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

11.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

11.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

11.3 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

12. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif aġġornati minn żmien għal żmien kif hemm stipulat fl-*agreement* li jidher f'Appendiċi VIII jew IX tal-*Public Service Management Code* (skond kif applikabbli). Il-*Public Service Management Code* jinsab fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt

13. Uħud mill-pożizzjonijiet jistgħu jkunu ko-finanzjati mit-*technical assistance budgets* tal-Programmi dwar Fondi Strutturali għall-2007 – 2013.

14. Il-persuni magħżula jkollhom joqogħdu għal eżami mediku biex jigi żgurat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

15. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* li għandha tinkludi l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur (*Resourcing*), *Management and Personnel Office*, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Diċembru 2008.

16. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur (*Resourcing*), *Management and Personnel Office*, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

17. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa' nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Gimgħa, il-5 ta' Diċembru 2008 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa.

11.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

11.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

12. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions as updated from time to time stipulated in the agreement included as Appendix VIII or IX in the Public Service Management Code (as applicable) accessible from the Management and Personnel Office website at address:- http://www.mpo.gov.mt

13. Some of the positions may be co-financed by the technical assistance budgets of the 2007 – 2013 Structural Funds' Programmes.

14. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

15. Applications, together with a curriculum vitae, indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director (Resourcing), Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta by not later than noon (Central European Time) of Friday, 5th December 2008.

16. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director (Resourcing), Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta.

17. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 5th December 2008 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly

L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur (*Resourcing*), *Management and Personnel Office*, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa +356 2200 1309)

18. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur (*Resourcing*) għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur (*Resourcing*).

L-14 ta' Novembru, 2008

signed by the applicant must reach the Director (Resourcing), Management and Personnel Office, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Department is +356 2200 1309).

18. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (Resourcing) and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (Resourcing) within seven (7) days.

14th November, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jimla vakanzi ta' *lecturer* minn individwi kwalifikati kif suppost u bl-esperjenza biex jgħallmu fl-oqsma li ġejjin:

Manutenzjoni tal-Ajruplani (Permess tal-ETC Nru. 122/2008)

Il-kandidati għandu jkollhom l-ewwel *degree* jew *Advanced Technician Diploma* relatata mal-Avjazzjoni.

L-applikanti għandu jkollhom ukoll tal-anqas 5 snin esperjenza relevanti xierqa fl-industrija/kummerċ.

Ġojjellerija u Disinn (Permess tal-ETC Nru. 132/2008)

L-applikanti għandu jkollhom diploma nazzjonali ogħla fil-qasam jew kwalifika ekwivalenti.

L-applikanti għandu jkollhom tal-anqas 5 snin esperjenza relevanti u xierqa fl-industrija/kummerċ.

Kandidati prospettivi huma mistiedna li jimlew u jibagħtu l-formali tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 24 ta' Novembru, 2008.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* tal-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Amministrattiv Ewlieni, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux aċċettati.

L-14 ta' Novembru, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill lecturing vacancies from among individuals who are suitably qualified and experienced to teach in the following areas:

Aircraft Maintenance (ETC Permit No. 122/2008)

Candidates must hold a first degree or an Advanced Technician Diploma related to Aviation.

Applicants must also have at least 5 years relevant and appropriate industrial/commercial experience.

Jewellery and Design (ETC Permit No. 132/2008)

Applicants must hold a higher national diploma in the area or an equivalent qualification.

Applicants must also have a minimum of 5 years relevant and appropriate industrial/commercial experience.

Prospective candidates are invited to submit the completed College application Form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than noon of Monday, 24th November 2008.

Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Administration Building, are to be addressed to the Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

14th November, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jimla l-vakanzi li ġejjin:

Direttur tal-Istitut għas-Servizzi fil-Kommunità (Permess tal-ETC Nru. 226/2008)

Responsabbilitajiet:
Ir-responsabbilitajiet tal-kandidati jinkludu:

Jipprovdi għall-amministrazzjoni tat-tmexxija ta' kuljum tal-Istitut;
Jistabbilixxi l-istudji, struzzjonijiet li jridu jingħataw, it-taħriġ u r-riċerka tal-Istitut;
Jipprepara pjanijiet għall-iżvilupp tal-Istitut;
Jmexxi l-edukazzjoni u xogħol ta' taħriġ tal-Istitut;

Jipparteċipa b'mod attiv bħala membru tal-Kunsill tal-Istituti u jippresjedi fuq il-Bord tal-Istudji tal-Istitut.

Ħtiġiet:
L-ewwel *degree* f'qasam relatat mas-Servizzi fil-Kommunità u/jew Applied Science.
Tal-anqas 5 snin esperjenza fit-tagħlim/*lecturing*.
Tingħata preferenza lill-kandidati li jkollhom degree ta' wara l-gradwazzjoni relatata ma' wieħed mill-oqsma prinċipali ta' studju tal-Istitut u/jew management, u jkollhom esperjenza f'pożizzjoni ta' *management*.

Direttur għar-Riżorsi Umani u Żvilupp (Permess tal-ETC Nru. 227/2008)

Responsabbilitajiet:
Ir-responsabbilitajiet tal-kandidat magħżul jinkludu:

Jippjana, jorganizza, jmexxi u jikkontrolla l-operazzjonijiet kollha tad-Dipartiment tar-Riżorsi Umani fil-parametri tal-għanijiet tal-MCAST u jiffissa miri li jridu jintlaħqu;
Jmexxi laqgħat ta' collective bargaining;
Jassumi r-responsabbilità kollha għas-sistema tal-informazzjoni tar-riżorsi umani tal-MCAST.

Ħtiġiet:
Master's degree relatat b'mod dirett mal-Iżvilupp u t-Tmexxija tar-Riżorsi Umani;
Tal-anqas 10 snin esperjenza industrijali relatata mal-qasam tar-Riżorsi Umani.

Kandidati prospettivi huma mistiedna li jimlew u jibagħtu l-formali tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 1 ta' Diċembru, 2008.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the following positions:

Director Institute of Community Services (ETC Permit No. 226/2008)

Responsibilities:
The responsibilities of the selected candidate will include:
To provide for the administration and day-to-day function of the Institute;
To establish the studies, the instruction to be imparted, the training and the research at the Institute;
To prepare plans for the development of the Institute;
To conduct the education and training work of the Institute;
